# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 28 ta’ Jannar 2016

Rikors Guramentat Nru. 112 / 15RGM

Kawza fil-lista: 6

**F V f’isimha proprju u**
**bhala kuratrici ta’ binha minuri G Q**
**vs**
**C Q;**
**L T u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fil-21 ta’ Mejju 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti F V kellha tarbija illi twieldet fil-5 ta' April 2014, hekk kif jidher mic-certifikat tat-twelid;

2. Illi l-imsemmija rikorrenti kellha tarbija minn relazzjoni li kellha u li ghad ghandha mal-intimat L T;

3. Illi fiz-zmien l-imsemmi twelid, ir-rikorrenti kienet ghadha legalment mizzewga ma' C Q; tant illi sseparat legalment minn mieghu fid-19 ta' Gunju 2014;

4. Illi peress li r-rikorrenti kienet ghadha legalment mizzewga meta twieldet it-tarbija, ma setghetx tirregistra lil binha ghajr taht isem zewgha C Q, hekk kif jidher fic-certifikat tat-twelid;

5. Illi m'hemm l-ebda dubju li missier it-tarbija huwa l-intimat L T stante li saru t-testijiet tad-DNA li jikkonfermaw il-paternita' ta' l-intimat, u ghalhekk ic-certifikat tat-twelid tal-minuri G Q m'huwiex veritier u huwa ghal kollox skorrett;

6. Illi inoltre, anki mill-kuntratt ta' separazzjoni anness il-partijiet F V u l-intimat C Q t-tnejn ddikjaraw illi miz-zwieg taghhom ma' kellhomx tfal;

7. Illi ghal dawn ir-ragunijiet jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni;

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, r-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) Tiddikjara li fuq ic-certifikat tat-tweIid tal-minuri, l-informazzjoni u tirrigwarda missier il-minuri, kif ukoll kunjom l-istess minuri ghandha tigi korretta sabiex tirrispekkja l-identita' tal-missier naturali tal-minuri, u tal-istess minuri;

(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru PubbIiku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid hawn fuq indikat billi jigu kkancellati l-kliem "C Q" fejn hemm indikat it-taghrif ta' missier it-tarbija u minflok jigi inserit "L T", kif ukoll jigu inseriti d-dettalji l-ohra tieghu u cioe, li huwa kellu 40 sena meta twieled il-minuri, in-numru tal-idenita' tieghu huwa 0061074M, li huwa twieled il-Pieta' u li jirrisjedi gewwa Pieta', u li missieru jismu Joseph (Alive), u kif ukoll li isem it-tarbija jigi mibdul minn "G Q" ghal "G T", u dan fl-ahjar interess ta' l-istess minuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fil-11 ta' Gunju 2015 li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li la darba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri G Q, din 1-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal- Artikolu 77C tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri G Q, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal prosediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi in vena preliminari ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha r-rikorrenti F V giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri G Q skont id-disposizzjonijiet

tal- Artikoli 782 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nuqqas illi r-rikorrenti tipproduci tali awtorizzazzjoni, ghandhom jigu nominati kuraturi jew tuturi ghall-minuri G Q minn din l-Onorabbli Qorti skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni dwar il-paternita' tal-minuri G Q huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi ghalkemm ir-rikorrenti ipprezentat r-rapport ta' testijiet genetici ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jindika li l-missier naturali tal-minuri G Q huwa l-konvenut L T, dan l-imsemmi rapport jonqos li jigi mahluf mit-tekninku Dr. Marisa Cassar.

5. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri G Q ma' jaqbilx ma' 1-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 1786 tas-sena 2014;

6. Illi ghalkemm il-konvenut L T diga’ issottomessa d-dettalji personali kollha tieghu permezz tar-rikors promotur, ghall-fini ta' kjarezza jehtieg li jigi iccarat il-post tar-residenza tieghu meta twieled l-minuri G Q, u li l-kunjom ta' missieru huwa 'T'. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat- Twelid tal-fuq riferit G Q bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 1786 tas-sena 2014;

7. Illi bla hsara ghal premess, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi 1-minuri G Q a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija 1-kelmiet ‘the said' li jinsabu qabel isem "C Q", senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-twelid tal-minuri G Q bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 1786 tas-sena 2014;

9. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Fl-affidavit taghha l-attrici F V xehdet hekk:-

“Illi jiena dhalt f'relazzjoni ma’ C Q f'Marzu tas-sena 2008. Konna niffrekwentaw lil xulxin b'mod regolari u eventwalment ippropona illi nizzewgu. Jien accettajt u in fatti zzewgina fis-17 ta' Ottubru 2009.

Meta ftit xhur wara ccaqlaqna mill-Qawra ghall-Imsida, aktar beda jqatta hin ma’ ommu milli mieghi. Dan ghaliex hi kienet anzjana u ma tiflahx u kienet tghix San Gwann. Ghalhekk, ghar-ragunijiet tieghu hass illi aktar kien importanti jiehu hsieb lil ommu milli lil martu.

Kien jitlaq mid-dar fil-5am u jmur ghandha. Kien jigi jorqod id-dar ghall-habta ta' 9.30pm u kmieni filghodu jerga' jitlaq ghandha. Gieli lanqas kien jigi d-dar biex jorqod, tant illi lejn l-ahhar taz-zwieg lanqas biss kien jersaq id-dar.

Jiena ma kontx kuntenta bis-sitwazzjoni ghax spiccajt litteralment wahdi minghajr zewgi. Waqaf il-hrug, waqqfet l-intimita' u waqqfet kull forma ta' komunikazzjoni bejnietna.

Biz-zmien tlift kull interess fih u ghall habta ta' Marzu 2012 sirt naf lil L T mix-xoghol tieghi bhala Nurse mal-Frontline Ambulance Services. Dak iz-zmien L kien ghaddej minn zmien difficli fiz-zwieg tieghu ukoll, u spiccajna sirna close ma’ xulxin.

Konna kuntenti hafna flimkien u tul is-sena 2013 bdejna l-proceduri rispettivi ta' separazzjoni personali.

Zammejna kuntatt ma’ xulxin sakemm bdejna niffrekwentaw u nohorgu flimkien bil-mohbi.

Intant C Q telaq ghal kollox mid-dar matrimonjali f'April 2013. Minn dak inhar 'l hawn rajtu darbtejn meta gie jigbor xi effetti personali qabel ma sseparajna legalment; kif ukoll waqt il-medjazzjoni u dakinhar li ffirmajna l-kuntratt ta' separazzjoni.

Kien f'Settembru 2013 illi skoprejt illi kont tqila. Minkejja illi t-tqala ma kinitx ppjanata t-tnejn li ahna konna kuntenti hafna.

Kont naf bic-cert illi t-tarbija kienet ta' L ghas-semplici fatt illi mieghu biss kelli x'naqsam minn meta sirt nafu. Ukoll konna qed nghixu flimkien hekk kif huwa ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni f'Gunju 2013.

G twieled fil-5 ta' April 2014, xaghrejn qabel ma jiena ffirmajt il-kuntratt ta' separazzjoni bonarja ma' C Q.

Kien ghalhekk illi meta jiena u L morna r-Registru Pubbliku sabiex nirregistraw it-tarbija qalulna illi kellu bilfors jigi registrat taht isem C Q.

Illi ahna konna ddizappuntati immens meta sirna nafu b'dan. Naturalment ahna ridna illi L jigi ndikat bhala l-veru missier tat-tarbija ghax wara kollox, hu kien il-missier bijologiku, u mhux C Q.

Ghalhekk kellna niehdu dawn il-proceduri u morna wkoll naghmlu t-testijiet tad-DNA illi kkonfermaw illi L huwa l-missier naturali ta' G.

Ghaldaqstant hemm bzonn illi c-certifikat tat-twelid ta' Mathias jirrispekkja l-verita' f'dak illi jirrigwarda l-missier. Ghalhekk kunjom G ghandu jaqra 'T', missier il-minuri ghandu jigi ndikat bhala 'L T', detentur tal-karta tal- identita' numru 0061074M. L kellu erbghin (40) sena meta twieled G. L twieled u jirrisjedi gewwa Pieta', kif ukoll kien jirrisjedi Pieta' meta twieled G. Missier L jismu Joseph T u ghadu mimli bil-ghomor.”

Xehdet ukoll Dr Marisa Cassar li kkonduciet it-testijiet tad-DNA li kkonfermat u ccertifikat illi l-missier naturali tal-minuri huwa l-konvenut L T.

B’nota tal-24 ta’ Lulju 2015 il-konvenut C Q iddikjara illi huwa jaqbel li mhux il-missier naturali tal-minuri.

Ikkunsidrat;

Irrizulta illi mill-bidunett sa mit-twelid il-minuri kien maghruf bhala l-iben naturali tal-konvenut L T nonostante li fuq l-att tat-twelid tieghu tnizzel ir-ragel tal-attrici u cioe’ C Q. Huwa minnu kif eccepixxa d-Direttur tar-Registru Pubbliku illi l-attrici ma ottjenietx il-kunsens *a procedere* ai termini tal-Artikolu 782 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, pero’ gie abbundantement ippruvat illi l-minuri mill-ewwel guranta tat-twelid tieghu gie meqjus li huwa iben L T u mhux iben C Q. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz il-Qorti thoss li ma jkunx ekwu u ma jkun konducenti ghall-ebda finalita’ utili ic-cahda tat-talbiet attrici

minhabba li l-attrici ma ottemperatx ruhha mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 782 tal-Kapitolu 12.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta tal-konvenut Direttur billi tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tiddikjara illi l-minuri G imwieled fil-5 ta' April 2014 huwa iben il-konvenut L T u mhux iben il-konvenut C Q.

2. Konsegwentement tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attrici kif dedotti.

3. Tordna l-kancellament minn fuq l-att tat-twelid tal-kliem "wife of the said C Q".

4. Tordna li G ikun maghruf bil-kunjom T.

Bl-ispejjez kontra F V u L T.

**Imhallef** **Deputat Registratur**